PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8542 — The Carlyle Group/CVC/China Investment Corporation/ENGIE E&P International)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 341/07)

1. Fit-2 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

2. Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Carlyle Group ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerika);

— CVC Capital Partners SICAV-FIS SA ("CVC", il-Lussemburgu);

— China Investment Corporation ("CIC", iċ-Ċina),

— ENGIE E&P International SA ("ENGIE E&P", Franza), bħalissa kkontrollata minn ENGIE SA.

3. Carlyle, CVC u CIC, takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża ENGIE E&P International SA ("ENGIE E&P", Franza) permezz tax-xiri ta' ishma.

4. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Carlyle hija maniġer dinji tal-assi alternattivi li tiġġestixxi fondi li jinvestu globalment f'erba' dixxiplini ta' investiment: (i) ekwità privata korporattiva, (ii) assi reali, (iii) strateġiji tas-suq dinji kif ukoll (iv) soluzzjonijiet tal-investiment;

— Il-grupp CVC huwa magħmul minn entitajiet li huma proprjetà privata li l-attivitajiet tagħhom jinkludu l-għoti ta' pariri rigward investimenti lil u/jew ġestjoni ta' investimenti f'isem fondi ta' investiment u ta' ċerti pjattaformi (CVC Funds). CVC Funds għandhom interess f'għadd ta' kumpaniji f'industriji varji inklużi l-industriji tal-kimika, tas-servizzi tad-dawl u l-ilma, tal-manifattura, tal-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni, prinċiplament fl-Ewropa, fl-Istati Uniti tal-Amerika u fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku;

— CIC hija kumpanija statali stabbilita bħala mezz biex ikunu ddiversifikati kumpaniji tal-kambju barrani taċ-Ċina. Permezz tas-sussidjarji tagħha, hija twettaq attivitajiet ta' investiment barrani u għandha interessi ta' ekwità f'impriżi finanzjarji kbar tal-istat fiċ-Ċina;

— ENGIE E&P hija attiva fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass naturali, inklużi l-ħażna, l-ipproċessar, l-użu, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-bejgħ taż-żejt u l-gass naturali, kif ukoll fit-twettiq ta' servizzi relatati, bħal servizzi relatati għal tħaffir, work-overs u bjar taż-żejt.

5. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

6. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8542 — The Carlyle Group/CVC/China Investment Corporation/ENGIE E&P International, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË